



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Frar 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0023(NLE)

6003/19
ADD 1

AELE 15
EEE 8
N 9
ISL 8
FL 8
MI 101
EF 33
ECOFIN 102
CONSOM 38

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Jannar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 33 final - ANNEX 1
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u tal-Anness XIX (Protezzjoni tal-konsumatur) tal-Ftehim ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 33 final - ANNEX 1.

Mehmuż: COM(2019) 33 final - ANNEX 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.1.2019
COM(2019) 33 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u tal-
Anness XIX (Protezzjoni tal-konsumatur) tal-Ftehim ŻEE**

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta’

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Anness XIX (Protezzjoni tal-konsumatur) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-“Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Frar 2014 dwar kuntratti ta’ kreditu għall-konsumaturi marbutin ma’ proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹, kif irrettifikata mill-ĠU L 246, 23.9.2015, p. 11, trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Annessi IX u XIX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 31g (ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
“- **32014 L 0017:** Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Frar 2014 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34), kif irrettifikata mill-ĠU L 246, 23.9.2015, p. 11.”
2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 31i (ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
“31j. **32014 L 0017:** Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Frar 2014 dwar kuntratti ta’ kreditu għall-konsumaturi marbutin ma’ proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34), kif irrettifikata mill-ĠU L 246, 23.9.2015, p. 11.
Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:
(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta’ dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f’dan il-Ftehim, it-termini ‘Stat Membru/i’ u ‘awtoritajiet kompetenti’ għandhom jinftehm u li qed jinkludu, apparti t-

¹ ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34.

tifsira tagħhom fid-Direttiva, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

- (b) Fil-punt (b) tal-Artikolu 5(3), il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem “l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA)”.
- (c) Fl-Artikolu 12(3) u fl-Artikolu 27(3), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘20 ta’ Marzu 2014’ għandu jsir ‘id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru.../... ta’... [din id-deċiżjoni]’.
- (d) Fl-Artikolu 14(5), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘20 ta’ Marzu 2014’ għandu jsir ‘id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru.../... ta’... [din id-deċiżjoni]’ u l-kliem ‘sal-21 ta’ Marzu 2019’ għandu jsir ‘għal ħames snin minn hemm ’il quddiem’.
- (e) Fl-Artikolu 26(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
‘Il-Liechtenstein huwa eżentat mill-monitoraġġ statistiku kif meħtieġ mill-paragrafu 2 tal-Artikolu 26.’
- (f) Fil-ħames subparagrafu tal-paragrafu 2 u fil-punt (b) tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 34, il-kliem ‘l-EBA tista’ taġixxi’ għandu jinbidel bil-kliem ‘l-EBA jew, jekk ikun il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA tista’ taġixxi’.
- (g) Fl-Artikolu 37, il-kliem ‘l-EBA tista’ taġixxi skont is-setgħat ikkonferiti lilha minn dak l-Artikolu u kwalunkwe deċiżjoni vinkolanti tal-EBA’ għandu jinbidel bil-kliem ‘l-EBA jew, jekk ikun il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA tista’ taġixxi skont is-setgħat ikkonferiti lilha minn dak l-Artikolu u kwalunkwe deċiżjoni vinkolanti tal-EBA jew, jekk ikun il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’.
- (h) Fl-Artikolu 43, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘21 ta’ Marzu 2016’ u ‘20 ta’ Marzu 2014’ għandu jsir ‘id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta’... [din id-deċiżjoni]’ u l-kliem ‘21 ta’ Marzu 2017’ għandu jsir ‘sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta’ ... [din id-deċiżjoni]’.”

Artikolu 2

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 7h (id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIX tal-Ftehim ŻEE:

“- **32014 L 0017:** Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Frar 2014 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34), kif irrettifikata mill-ĠU L 246, 23.9.2015, p. 11.”

Artikolu 3

It-test tad-Direttiva 2014/17/UE, kif irrettifikat mill-ĠU L 246, 23.9.2015, p. 11, bil-lingwa İzlandiża u b’dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]